# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

Illum, 3 ta' Lulju, 2020

**Appell Numru: 113/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Ian Joseph Abdilla)

Vs

**Anthony Cassar**

Bin il-mejjet Anthony u l-mejta Josephine nee' Caruana imwieled Victoria (Ghawdex) fid-29 ta' Lulju 1961, u residenti f' Appartament 521, Tas-Sellum Residence, Triq it-Tunnara, Mellieha, detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 36061G

**U**

**Annabelle Camilleri nee' Monreal**

Bint Martin u Rose Mary nee' Busuttil, imwielda fit-18 ta' Mejju 1985, residenti f' appartament 521 Tas-Sellum Residence, Triq it-Tunnara, Mellieha, detentrici tal-karta ta'l-identita bin-numru 311185M

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Anthony Cassar u Annabelle Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati f'Dicembru 2012, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. **b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tar-Radisson Blue Resort & Spa, Golden Sands.**

b. **U b'hekk saru recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi qrati ta' Malta u Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

c. **Kif ukoll kissru ordni ta' probation meta wettqu reat fi zmien il-perijodu operattiv ta' sentenzi tal-probation, moghtija minn diversi qrati ta' Malta u Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-06 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u kkundannathom ghal tlett snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Cassar u Annabelle Camilleri tat-18 ta' Marzu 2018 fejn tallbu lil din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti fejn huma gew kkundannati tlett snin prigunerija u minflok tapplika piena aktar miti u tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellanti li jikkonsistu:

1. Illi s-sentenza u l-procedura quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli u dan ghaliex l-Ewwel qorti naqset milli tosserva r-rekwiziti stretti tal-artikolu 453 tal-Kap.9

tal-Ligijiet ta' Malta kif kienet obbligata illi taghmel skond l-artikolu 392A tal-istess Kap.9.

2. Illi l-esponenti ma setghu qatt jinsabu hatja tat-tielet akkuza peress illi huma qatt ma kissru ordni ta' probation kif hemm allegat;
3. Illi f'kull kaz il-piena kienet wahda eccessiva u gravuza meta jigi kkunsidrat il-kwadru kollu tal-kaz, nkluz izda mhux biss il-fatt illi l-parti l-kbira tad-debitu mal-parti leza kien gie saldat mill-partijiet u kien biss ammont zghir li kien fadal li jithallas.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2015 fejn l-appellanti rtiraw l-ewwel u t-tieni aggravji minnhom intentati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda marbuta mal-aggravju dwar il-piena.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi irtirati l-ewwel zewg aggravji ntentati mill-appellanti, jifdal biss biex jigi trattat l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin prigunerija ghall-akkuzi addebitati lill-appellanti u minnhom ammessi b'mod inkondizzjonat. Jilmentaw illi din il-piena hija wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi huma hallsu lil parti leza l-flus mehuda minnhom indebitament.

Illi l-appellanti fil-fatt ressqu bhala xhud lil Ernest Barry rapprezentant tal-lukanda Radisson Blu Resort & Spa, Golden Sands li kkonferma illi l-appellanti hallsu l-ammont kollu dovut minnhom u li ma ghad fadal l-ebda bilanc pendenti. Illi l-appellanti Annabelle Camilleri ressqet ukoll diversi xhieda fosthom rapprezentant tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, il-psikjatra kuranti taghha Dr. Mark Xuereb, it-tabib Dr. Charles Cassar u l-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri bhala prova tal-fatt illi hija qed tipprova tirriforma hajjitha anke filwaqt li tinsab inkarcerata.

Mill-istampa li tigi pprezentata minn dawn ix-xhieda jidher illi ghalkemm l-appellanti Annabelle Camilleri bdiet tahdem fuq it-triq tar-rijabilitazzjoni taghha, x'aktarx ghax sabet lilha innifisha inkarcerata, madanakollu jidher li ghad fadal hafna xoghol x'jsir sabiex meta terga' tirrintegra ruhha fis-socjeta hija ma tkunx ta' hsara ghal terzi bil-maniggi taghha frawdolenti. Dan qed jinghad ghaliex min harsa lejn il-fedina penali taghha jidher illi hija ghandha xejn anqas minn hamsa u ghoxrin kundanna ghal reati diversi konsistenti f'theddid, glied, frodi, serq u reati ta' falsifikazzjoni fost ohrajn, bl-ewwel reat imur lura ghas-sena 2008. Illi jidher ukoll li l-appellanti giet moghtija diversi drabi mill-qrati taghna l-opportunita' biex tirriforma hajjitha, haga li tidher li hija baqghet ma ghamlitx tant illi hafna sentenzi fejn hija giet moghtija piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija kollha spiccaw gew konvertiti f'piena karcerarja minhabba li hija regghet ikkomettiet reati godda.

Mhux biss izda anke waqt il-perijodu taghha ta' inkarcerazzjoni jidher illi l-appellanti ghadha ma gharrfitx trazzan l-imgieba kaotika taghha b'mhux inqas minn ghoxrin rapport jigu registrati mill-awtoritajiet tal-habs ghal imgieba hazina, fosthom ta' glied u disubbidjenza. Illi allura filwaqt li din il-Qorti tawgura li dan il-perijodu ta' inkarcerazzjoni iservi sabiex l-appellanti taghraf l-zbalji taghha tal-passat u tirriforma hajjitha anke ghal gid t' uliedha, u ghalkemm jidher illi l-genituri taghha dejjem kienu warajha biex joffrulha kull ghajnuna li kellha bzonn u li ser ikollha bzonn, madanakollu ghad fadal hafna xoghol xi jsir minn naha taghha sabiex il-qrati jergghu jaghrfu jaghtuha il-fiducja taghhom biex b'hekk l-appellanti terga' tikkandida ruhha ghal piena fil-komunita' minghajr periklu ghal terzi.

Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders***
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
> ***(d) the protection of the public***
> ***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

> **Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**
>
> ***' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'***
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> ***'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'***
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> ***'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[1]"***

Issa jirrizulta mill-atti illi l-appellanti hallsu l-ammont kollu mehud minnhom indebitament ghalkemm dan sar seba' snin wara li sehh il-kaz. Illi l-Qorti tqies li

[1] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino

ghandha madanakollu tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni biex b'hekk il-piena ghandha tigi aggustata sabiex tirrifletti l-hlas li sar u li l-vittma gie kkumpensat.

Illi l-Qorti trid tqies ukoll illi ghalkemm l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja tal-addebitu tar-recidiva ma jidhirx illi dan ittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena billi d-disposizzjonijiet tal-ligi marbuta mal-istess ma gewx iccitati mill-Ewwel Qorti fil-parti decizorja.

Illi l-artikolu 310(a) tal-Kodici Kriminali jikkontempla l-piena ta' prigunerija bejn sentejn u disa' snin ghar-reat li dwaru l-appellanti gew misjuba hatja. Illi allura l-Qorti tqies illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena biex jirrifletti l-fatt illi l-appellanti ikkumpensaw lil vittma tar-reat kif ukoll illi ma giex applikat l-addebitu tar-recidiva mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Illi ghalkemm fir-rigward tal-appellanti Annabelle Camilleri piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija ma tistax tigi kkunsidrata mhux biss ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba izda ukoll fid-dawl tal-fedina penali refrattarja taghha u l-fatt li prezentement tinsab inkarcerata, madanakollu l-istess konsiderazzjoni ma tistax tigi maghmula fil-konfront tal-appellant Anton Cassar. Illi ghalkemm il-fedina penali tieghu mhijiex wahda felici, madanakollu hafna mill-infrazzjonijiet tal-ligi huma kollha marbuta mat-tmexxija tad-diversi negozji minnu gestiti fosthom reati marbuta ma' nuqqa ta' hlas ta' taxxa u ta' pagi ta'l-impjegati mal-kumpaniji tieghu. Illi ghalhekk il-Qorti tqies illi l-appellant Cassar huwa kanditat idoneju ghal piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-ewwel talba kontenuta fir-rikors tal-appell billi din giet irtirata mill-appellanti, tilqa' t-talba marbuta mal-piena inflitta, ghalhekk tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu, izda tvarja il-piena inflitta u tikkundanna lill-appellanti Annabelle Camilleri ghal piena ta' sentejn prigunerija. Tikkundanna lill-appellant Anton Cassar ukoll ghal piena ta' sentejn prigunerija, izda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan il-perijodu ta' prigunerija fil-konfront tieghu qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati Anton Cassar bil-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Edwina Grima

Imhallef